ĠUNJU 2026

# IS-SEMINARJU











# TEĦTIEĠ VILLAĠĠ...

**DUN CARLO CALLEJA** - VIĊI-RETTUR

...biex trabbi tifel. Hekk jgħid qawl Afrikan. Dan ifisser li bosta huma l-fatturi li jinfluwenzaw kif it-tfal jikbru u jiżviluppaw f'persuni sħaħ. Fi kliem ieħor, kull persuna fil-villaġġ issawwar il-karattru tal-ġenerazzjoni futura.

Illum, forsi aktar minn qatt qabel, nistgħu ngħidu l-istess għas-Seminarju u s-saċerdoti ta' għada. Dokument li għadu kemm ġie ppubblikat mill-Vatikan jitfa' dawl ġdid fuq il-formazzjoni fis-seminarji, frott eżerċizzju ta' riflessjoni minn grupp ta' persuni minn ambjenti u esperjenzi varji.

Id-dokument jenfasizza mill-ġdid li l-għarfien, jew id-dixxerniment, tas-sejħa ma tinvolvix biss iż-żagħżugħ waħdu, imma l-Knisja kollha kemm hi. Hemm ukoll attenzjoni mġedda fuq ir-rwol tal-komunità, inkluż dak parrokkjali, kif ukoll tal-komunitajiet l-oħra li s-seminarista jkun involut fihom matul il-formazzjoni tiegħu.

Dan għaliex is-sejħa, li tiġi minn Alla, tqiegħed lill-qassis fil-qalba tal-Knisja.

Għalhekk, permezz tar-relazzjonijiet li jibni, is-seminarista jifhem li huwa fi ħdan il-Poplu t'Alla, u flimkien miegħu, jifforma l-identità tiegħu bħala saċerdot. Il-formazzjoni kollha kemm hi filfatt, trid issib l-għeruq tagħha fl-esperjenza konkreta tal-Poplu ta' Alla biex tkun dejjem relevanti u konkreta.

Id-dokument ifakkar li kull persuna, hu x'inhu s-sess, l-età, jew il-vokazzjoni tagħha fil-Knisja, għandha xi ħaġa partikolari u unika x'toffri lill-formazzjoni tas-seminarista, u li s-Seminarju jrid ikun organizzat b'tali mod biex dan iseħħ tassew.

Tassew, teħtieġ komunità biex tifforma seminarista!



Ritratt: Arċidjoċesi ta' Malta - Claire Camilleri

# IL-PAPA LJUN XIV: STEDINA GĦALL-INTERJORITÀ

**DUN MARK SULTANA** - DIRETTUR SPIRITWALI SEMINARJU MAĠĠURI

Il-Papa Ljun iħobb jitkellem dwar il-qalb.

Bil-"qalb", irid ifisser iċ-ċentru tal-persuna fejn jien u inti nagħrfu li għandna l-għeruq tal-eżistenza tagħna f'Alla li jħobbna dejjem, u li dejjem jhenni lill-qalb tagħna bi mħabbtu.

L-istedina tal-Papa hi li ngħixu mill-qalb: li ngħixu b'sens kontinwu ta' gratitudni, imħabba, ferħ u libertà. B'dan irid ifisser li nkunu konxji li Alla li jħobbna qed isostnina, ikellimna u jipprovdilna, li xejn ma jaħrablu u li xejn ma jiġri addoċċ. Ifisser li nilqgħu bi mħabba kull mument bħala don ġej minn Alla, u li fih aħna msejħa nħobbu kif ħabb Ġesù.

Kif jista' jkun dan? Il-Papa jindikalna mezzi biex nikbru. Ikellimna dwar l-importanza li nagħrfu li Alla jkellimna b'modi konkreti fil-ħajja tagħna. Ikellimna dwar l-importanza tat-talb kuljum: mingħajr ma niltaqgħu ma' Alla ma nistgħux insiru nafu lilna nfusna. Ikellimna dwar l-importanza tas-smigħ ta' xulxin u, b'mod partikolari, is-smigħ tal-fqar li huma mkasbra u taż-żgħażagħ li qed ifittxu sens. U jkellimna wkoll dwar il-bżonn li nimmeditaw il-ġrajjiet ta' ħajjitna fid-dawl tal-Kelma ta' Ġesù. B'hekk nirċievu l-fejqan, u nkunu nistgħu nakkumpanjaw lill-oħrajn għall-fejqan tal-qalb. B'hekk nagħtu xhieda għat-tenerezza u l-ħniena, l-ospitalità u l-viċinanza, u s-servizz ġeneruż u gratwit tal-qalb ta' Ġesù. Għaldaqstant, qalbna ssir – b'mod konkret – iżjed ħaġa waħda mal-qalb ta' Ġesù.

Dan kollu l-Papa Ljun jirċevih minn missieru Santu Wistin u minn Fra Lawrenz – l-awtur tal-ktieb qasir u ta' min jaqrah: *Il-Prattika tal-Preżenza ta' Alla.*



# DIFFERENT NATIONALITY, SAME CALLING

**RENÉ BRANDÝS** -SENA III

When I first said yes to God, in a small town in northern Slovakia where I am from, I could never have imagined the journey that would eventually lead me here to Malta. God is indeed a God of surprises, who chooses those we least expect. The same goes for me. Although my sister and I are both baptised Catholics at birth, we were not brought up close to the Church.

At the age of 16, during a spiritual retreat in preparation for Confirmation, I experienced a profound personal conversion. From that moment, I knew that I needed a fresh start.

Since prayer was not part of our family life, I first learned to pray the Rosary through the internet. One day, in a moment of heartfelt prayer, I told God that wherever life might lead me, my deepest desire was to be close to Him. It was then that I first became aware of His call.

I am currently in my third year of formation at the Seminary in Slovakia. Living in Malta has meant encountering a new culture and language. Yet, through this experience, God has blessed me with a wonderful community of brothers and formators, as well as Maltese parishioners, who have welcomed me with great warmth.

This experience has deepened my understanding of the universality of the Church and how deeply connected we are as Catholics and seminarians. God's call transcends all borders.



# IL-PARROĊĊA: IL-MAXTURA TAL-VOKAZZJONIJIET

**JOSEPH FARRUGIA** - SENA I

Malli nisimgħu l-kelma 'parroċċa', moħħna mill-ewwel imur għall-bini sabiħ tal-knisja, għall-festi, jew forsi għall-kappillan. Imma l-parroċċi daqshekk biss? Żgur li le, għax il-parroċċa hi ħafna iktar minn hekk.

Il-parroċċa hi n-nies, jew aħjar, dik il-familja kbira li l-għan tagħha hu li tħobb u tqim lil Alla. Malli bdejt is-Sena Propedewtika (is-sena ta' tħejjija għas-Seminarju) u bdejt ninqata' daqsxejn iktar mill-parroċċa tal-Gudja fejn kbirt, aktar bdejt napprezza l-valur tagħha f'ħajti. Il-parroċċa ma kinetx sempliċiment il-post fejn tisma' l-quddies nhar ta' Ħadd. Xejn affattu! Il-parroċċa hi l-post fejn tibni relazzjonijiet, titgħallem is-sabiħ tal-volontarjat, u trawwem fil-persuni s-sens ta' qadi li jmur lil hinn minnek innifsek. Il-parroċċa tħeġġeġ l-ispirtu ta' ferħ ġenwin u fiduċja f'Alla.

Dan kollu għeni nwieġeb għall-vokazzjoni, fejn Alla jsejjaħ lil kull wieħed u waħda minna biex inkunu ta' servizz għall-proxxmu, bħala Nsara, hi x'inhi s-sejħa tagħna. Din is-sena, ninsab assenjat fil-Parroċċa ta' San Pawl ir-Rabat. Għalkemm hija parroċċa differenti mill-Gudja, xorta waħda nħoss l-istess spirtu ta' għotja u servizz fost il-parruċċani u l-kleru.

Nirringrazzjaw lil Alla għal tant voluntiera fil-parroċċi u istituzzjonijiet oħra tal-Knisja, li minkejja l-ħajja mgħaġġla tal-lum, joffru ruħhom u ħinhom għall-bini tal-komunità Nisranija.



# X'GĦADDA M


1.




4.


5.




9.



1. 8 ta' Diċembru 2025 – Kandidatura
2. 13 ta' Diċembru 2025 – Serata tal-Milied għall-qraba u l-benefatturi
3. 22 ta' Diċembru 2025 – Pranzu tal-Milied
4. 4 ta' Jannar 2026 - Lettorat
5. 2 ta' Marzu 2026 – Logħba football mal-Komunità tas-Salezjani
6. 11 ta' Marzu 2026 – Prayer Spaces għall-istudenti tas-Seminarju Minuri

# INGĦALINA?



2.



3.



6.



7.



8.



10.



11.

7. 26 ta' Marzu 2026 – Esperjenza tas-Seminarju mal-Istudenti tal-Iskola
8. 26 ta' Marzu 2026 – Via Sagra Komunitarja
9. 26 ta' Marzu 2026 – Ikla stil Lhudi
10. 9 ta' April sat-13 ta' April 2026 – Pellegrinaġġ Spanja mal-Fakultà tat-Teoloġija
11. 27 ta' April - 29 ta' April - Seek Encounter Live-in

# L-AKKUMPANJAMENT SPIRITWALI TAL-ISTUDENTI U L-ISTAFF

**DUN OSMAR BALDACCHINO** - DIRETTUR SPIRITWALI SEMINARJU MINURI

Din is-sena skolastika ġabet bidu ġdid fil-ħidma pastorali tiegħi. Dan għaliex bdejt inservi bħala *chaplain* ġewwa l-Iskola tas-Seminarju Minuri. Din hija skola ta' madwar 800 student u 200 membru tal-istaff li jinkludu għalliema, LSEs u oħrajn.

Inħossni li għadni ġdid u qed insib saqajja bil-mod il-mod f'din il-ħidma pastorali. Nistqarr li mhix l-ewwel skola li qiegħed inservi fiha bħala chaplain, iżda l-ispazju li din l-iskola toffri għall-iżvilupp spiritwali huwa wieħed li jitlob iktar impenn u dedikazzjoni.

Meta nistqarr li nservi fl-iskola tas-Seminarju niġi mistoqsi, "Allura inti tgħallem lill-istudenti?" Mhux eżatt. Fl-iskola hawn 11-il sena differenti, minn Year 1 (5/6snin) sa Year 11 (15/16-il sena). Kull klassi darba fil-ġimgħa jkollha dik li nsejħulha *chaplaincy session*, fejn flimkien ma' għalliema oħra jew niċċelebraw il-Quddiesa, inkella nirriflettu fuq kif nistgħu ngħixu l-ħajja nisranija.

Apparti minn hekk, ikollna numru ta' live-ins u attivitajiet oħra kemm matul il-ħin tal-iskola kif ukoll wara, bl-għan li ngħinu l-istudenti jikbru fil-karattru u fil-fidi. Sintendi ma jonqosx ukoll il-kuntatt one-to-one kemm mal-istudenti kif ukoll mal-istaff.

Jiena grat ħafna f'din il-missjoni ġdida u nitlob lilkom sabiex iżżommuni fit-talb tagħkom sabiex din il-missjoni tgħin kemm vokazzjonalment kif ukoll fl-iżvilupp spiritwali.



# YOUSEM

**DUN JEAN-CLAUDE SCHEMBRI** - PRINĊIPAL TAS-SEMINARJU MINURI

Ir-ruħ tas-Seminarju hija l-formazzjoni. Is-Seminarju jeżisti sabiex ikabbar iż-żerriegħa tat-tajjeb li hemm f'kull persuna sabiex joħroġ il-potenzjal kollu tagħha. Għaldaqstant, bħala Seminarju Minuri wkoll nenfasizzaw sabiex kull min jirfes l-għatba tagħna jiltaqa' ma' komunità li tilqgħu u twasslu biex jimmatura u jilħaq il-potenzjal kollu tiegħu.

Għal din ir-raġuni, xi snin ilu tnieda proġett bl-isem YOUSEM – grupp ta' żgħażagħ tas-Seminarju li jiltaqgħu sabiex ikomplu jikbru u jiskopru aktar fil-fond ir-relazzjoni tagħhom ma' Alla, mal-oħrajn u magħhom infushom. Xtaqna nesploraw spazju fejn dak li jkun sar matul il-ħdax-il sena t'edukazzjoni fl-iskola jkompli jsir permezz ta' laqgħa fix-xahar fejn l-eks studenti jingħaqdu flimkien għal mumenti soċjali u formattivi. Apparti minn dan, iservi wkoll ta' bini ta' relazzjonijiet, kemm bejniethom kif ukoll magħna s-saċerdoti. Nemmen li dawn ir-relazzjonijiet huma importanti ħafna għaliex f'każ ta' bżonn, dawn iż-żgħażagħ diġà għandhom post fejn jistgħu jmorru b'serħan il-moħħ li hemm min hu lest biex jismagħhom u jgħinhom.

Din is-sena skolastika beda wkoll YOUSEM Juniors – grupp ta' adolexxenti li qed jiltaqgħu filwaqt li għadhom studenti u li 'l quddiem ikunu jistgħu jidħlu fil-grupp tal-eks studenti wara li jispiċċaw mis-Seminarju Minuri.

Jekk inti tixtieq tgħin fi proġett li qegħdin nagħmlu bħalissa biex ikollna youth hub fejn jiltaqgħu dawn il-gruppi taż-żgħażagħ nistednuk tkellimna. Fuq kollox, napprezza t-talb tagħkom biex dan il-ministeru jħalli l-ġid fil-qlub ta' kull min jattendi.



# LECTIO DIVINA: THE WORD AND THE COMMUNITY

**PIA ATTARD** - KOLLABORATRIĊI

One ancient practice at the heart of Christian prayer is *lectio divina*, a Latin expression which means “divine reading.” It comes from the monastic tradition that Scripture is read in a gentle and prayerful way. The *lectio divina* is not about study or finding the right answers, but about being with God and listening with an open heart.

It follows four simple steps. The first is *lectio* - reading. We read a short passage slowly and calmly, allowing a word or phrase to stand out. This is followed by *meditatio* - reflection, where one stays with those words and reflects on what they might mean for our lives. The third stage is *oratio* - prayer. This involves a personal response to God expressed in words, thoughts, feelings, or even silence. Finally, there is *contemplatio* - resting. We remain quietly with God, allowing His word to shape our hearts.

This simple rhythm - reading, reflecting, responding, and resting - can still guide our prayer today. We might choose the Gospel reading of the day, and move through these steps slowly and peacefully.

*Lectio divina* helps us slow down and listen deeply. Over time, this practice can draw us closer to God and help us become more aware of His presence in our daily lives.

*Pia, li hija ta’ nazzjonalità Koreana, studjat it-Teoloġija fl-Università ta’ Malta u hija mħarrġa fl-ispiritwalità Karmelitana. Matul din is-sena hija qed tanima l-Lectio Divina lill-komunità tas-Seminarju darba fix-xahar.*



# IL-FAMILJA AKBAR TAS-SEMINARJU

**DOREEN BORG ZAMMIT** - VOLUNTIERA

Permezz ta' ħabib qrib li kien involut fil-koordinazzjoni ta' diversi ħidmiet ta' volontarjat, ingħatajt l-opportunità li ngħin fis-Seminarju Maġġuri fl-organizzazzjoni ta' kollezzjoni ta' kotba, li ħafna minnhom ġew mogħtija minn saċerdoti mejtin. Billi jaf kemm dan il-qasam huwa għal qalbi, ġejt mistiedna nagħti sehmi u aċċettajt bil-qalb.

Din l-esperjenza ppermettietli nitgħallem aktar dwar is-Seminarju u niltaqa' ma' persuni li jaqsmu mħabba kbira lejn il-kotba. Ix-xogħol kien jinkludi wkoll sfidi, peress li kien hemm kotba f'diversi lingwi bħal-Latin, il-Franċiż, it-Taljan, il-Grieg u l-Malti, kif ukoll materjal speċjalizzat li kellu jiġi evalwat b'attenzjoni.

Bħala tim, qsamna x-xogħol u qassamna l-kotba f'kategoriji differenti, bl-għan li kull ktieb isib postu u jilħaq lill-qarrejja tiegħu.

Kienet esperjenza tassew ta' sodisfazzjon li tatni aktar milli stajt nagħti jien.

**ROSE APAP BOLOGNA** - VOLUNTIERA

Meta rtirajt mix-xogħol, xtaqt inkompli nikkontribwixxi fis-soċjetà permezz tal-volontarjat. Bla ħsieb ta' xejn iltqajt ma' *post* fuq Facebook dwar il-possibbiltà ta' volontarjat fis-Seminarju tal-Arċisqof u mill-ewwel tħajjart ninkiteb għax is-Seminarju hu post għal qalbi ħafna.

Kull meta mmur, inħoss sens ta' paċi u serenità kemm minħabba l-ambjent, iżda wkoll għax insib komunità li tilqagħni, fosthom ta' voluntiera oħra, seminaristi u qassisin.

Ix-xogħol volontarju li nagħmel jikkonsisti f'organizzar ta' kotba li tħallew minn saċerdoti għal-librerija tas-Seminarju. Meta jkun hemm xi attività oħra għall-qraba u l-benefatturi nħobb nagħti daqqa t'id ukoll. Nipprova wkoll ma nitlifx l-adorazzjoni b'talb għall-vokazzjonijiet, li ssir fis-Seminarju kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar.





# TIXTIEQ TGĦIN LIS-SEMINARJU?

Ta' kull sena aħna nafdaw fil-ġenerożità tiegħek u fl-għajnuna li dejjem offrejt lis-Seminarju.

Flimkien mat-talb tiegħek tista' tgħin billi:

Tibgħat ċekk bl-offerta tiegħek indirizzat 'Is-Seminarju tal-Arċisqof' fl-indirizz postali: **Seminarju tal-Arċisqof, 90, Triq Tal-Virtù, Rabat RBT 2604.**

Tgħaddi l-offerta tiegħek lis-Seminarju fuq il-kont tal-APS Bank plc – dettalji tal-kont:
**The Archbishop's Seminary – Major**
**IBAN Number: MT15APSB77068000499110499130014**
**SWIFT Code: APSBMTMT**

Tħallas borża ta' studju ta' €600 (jew parti minnha) li tista' tħallasha f'daqqa jew tagħżel li tħallas ammont żgħir kull xahar kemm tixtieq int.

Grazzi mill-qalb tal-għajnuna u s-sehem tiegħek fil-formazzjoni tas-Seminaristi.

**B'tifkira għażiża ta' Dun Vincenz Deguara li bejn l-1988 u l-2021 serva fl-irwol ta' direttur spiritwali u konfessur fis-Seminarju. Il-Mulej jagħtih il-glorja tal-ġenna.**




+356 2145 5497/8 seminary.org.mt info@seminary.org seminary.malta